# 6. Qroll u Deheb

Mis-sħab tad-deh’b li jirgħa f’wiċċ is-sema,
- is-sħab bil-ward imtarraf, ward ta’ ħmura, -
f’baħar mixgħul Sultan-il-jum qed jinżel,
f’sakra ta’ ferħ xewqan li jerġa’ lura.

F’ġibda ta’ mħabba ż-żbul waħda lill-oħra,
- iż-żbul tad-deh’b bħall-kwiekeb ġeġwiġija –
jgħannqu fil-fewġa; f’tarf il-għalqa jsawwab
kusu l-peprin ta’ ħmura bellusija.

Imtaqqla d-dielja sserraħ fuq il-frieket,
sofor u ħomor jgħaxxqu dawk l-egħnieqed;
u wiċċ ħamrani taħt kappell tat-tiben
ta’ tifla tgħasses donnu msaħħar... rieqed.